**Minuti tal-mitejn u erbgħa u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 21 ta' Awissu 2009 fis-6.00 p.m. Din hija wkoll il-sitta u tletin laqgħa tal-ħames leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

<u>Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-</u>

| | |
|---|---|
| <u>Sindku :</u> | Joseph Cordina |
| <u>Viċi Sindku :</u> | Christian Zammit |
| <u>Kunsilliera :</u> | Mary Carmen Bajada |
| | Joseph Bartolo |
| | Kevin Cutajar |
| <u>Uffiċċjali :</u> | |
| Segretarju Eżekuttiv | Joseph Azzopardi |

## QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Numru 244 li saret nhar il-Ġimgħa 17 ta' Lulju 2009 wara li jsiru l-korrezzjonijiet approvati. Joseph Bartolo u Kevin Cutajar ma qablux mal-mod ta' kif kienet irrapurtata l-parti dwar iċ-Ċentru ta' l-Anzjani u peress li l-korrezzjonijiet li pproponew ma ġewx aċċettati, m'approvawx il-minuti. Għalhekk il-minuti ġew approvati b'vot ta' tlieta favur u tnejn kontra.

Is-Segretarju Eżekutttiv ippreżenta l-minuti tal-laqgħa tal-lokalita li saret nhar il-Ħadd 19 ta' Lulju 2009.

Kien hemm xi punti li tqajmu mill-minuti ta' dik il-laqgħa. Il-Viċi Sindku Christian Zammit staqsa dwar ix-xogħlijiet fil-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Perit Scerri qed jikkorrispondi mal-M.E.P.A. Hu staqsa wkoll dwar il-*blue flag status* għall-bajja tar-Ramla. Is-Sindku Joseph Cordina ppropona u l-Kunsill qabel li niktbu lill-Ministru George Pullicino u lis-Segretarju Parlamentari Mario de Marco sabiex nieħdu l-kuntratt tat-tmexxija ta' din il-bajja f'idejna wara li jiskadi l-kuntratt preżenti f'Diċembru. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-kuntratt tas-servizzi tad-dawl fit-toroq u s-Sindku Joseph Cordina wieġeb li wara li ġew konfermati Galea Curmi bħala *contract managers*, inħarġet l-offerta għall-għoti tas-servizz. Mary Carmen Bajada staqsiet dwar il-parkeġġ riservat li qed titlob Tunetta Buttigieg fi Triq 28 ta' April 1688 u ġie deċiż li għalissa npoġġu xi tabelli li jipprojbixxu l-ipparkjar matul parti minn din it-triq sakemm tissolva l-problema. Mar Carmen semmiet ukoll it-

triq li tagħti mill-Għar ta' Calypso għall-bajja tar-Ramla li konna ktibna dwarha lis-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi. Hi ssuġġeriet u l-Kunsill qabel li nitolbu appuntament ma' Dr. Azzopardi. Kevin Cutajar rega' semma' l-kaxxi ta' l-ipparkjar fi Triq San Marzjal u s-Sindku Joseph Cordina wieġeb li ser jiċċekkja kif dawn għadhom ma sarux. Hu staqsa dwar is-siġra ħdejn il-Mitħna ta' Kola u talab li jitranġa l-pavimentar biex ma jkunx perikoluż. Is-Sindku Joseph Cordina wieġeb li ser nibgħatu lil Nazzarenu Xerri sabiex jagħmel dan ix-xogħol. Kevin Cutajar staqsa dwar is-*sand sifting* fil-bajja tar-Ramla u s-Sindku wieġeb li t-talba tagħna għadha li dan għandu jitkompla. Joseph Bartolo staqsa għaliex ir-rigali jiġu orħos meta tixtrihom is-Sinjura Carmen Cordina. Is-Sindku Joseph Cordina wieġeb li hi tagħmel sagrifiċċju tmur anke Malta biex tikseb l-aħjar prezzijiet. Joseph Bartolo nnota li hi tista' tibqa' tagħmel hekk u mbagħad tiġi rimborsata mill-flus tal-Kunsill jew taċ-Ċentru ta' dawn ir-rigali li tkun xtrat għall-anzjani f'isem il-Kunsill.

**APPROVAZZJONI FINALI TA' L-ESTIMI FINANZJARJI GĦALL-PERJODU 2009/2010 U L-PJAN TAT-TLIET SNIN ILU GĦALL-PERJODU 2009 - 2012**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara dawn r-rapporti finanzjarji. Hu nkluda wkoll estimi għall-finanzjament tad-devoluzzjoni ta' l-uffiċċju amministrattiv għas-snin 2010/2011 u 2011/2012. Wara li ġew diskussi l-Kunsill approva unanimament dawn ir-rapporti u ser jintbagħtu lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

**KOMUNIKAZZJONIJIET TAS-SINDKU FOSTHOM IL-FONDI TAL-U.I.F, DEVOLUZZJONI TA' L-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV, APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-FONDI MIL-U.E., IL-KUNTRATT TAL-ĠBIR TA' L-ISKART, PERMESSI U KWISTJONIIJIET RELATATI MAL-FESTA TAR-RAĦAL U MATERJI OĦRA**

Is-Sindku Joseph Cordina qal li s-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said għandu jagħtina appuntament għall-iffirmar tal-ftehim għad-devoluzzjoni ta' l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qara korrispondenza dwar dan mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li kellem lid-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta dwar l-*area* fejn l-Għar ta' Calypso. Is-Sindku Joseph Cordina nnota li l-ħaddiema li ngħatajna mill-E.T.C. qegħdin inaddfu din l-*area*. Mary Carmen Bajada reġgħet talbet li jitnaddaf il-passaġġ li jagħti għall-bajja tar-Ramla u s-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol jista' jsir meta jilesta t-tindif kollu li hemm bżonn.

Is-Sindku Joseph Cordina nnota li għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet dwar l-offerta pubblika għall-ġbir ta' l-iskart pero l-probabbilta hi li ser noħorġu din l-

offerta weħidna. Ġie diskuss is-suġġeriment li l-iskart jibda jinġabar erba' darbiet fil-ġimgħa. Inqrat *e-mail* mill-*GreenPak* dwar dan.

Is-Sindku Joseph Cordina nnota li rridu nagħmlu sforz ikbar sabiex ikun jista' jsir l-iskambju maż-żgħażagħ t'Offida. Ser nivverifikaw l-applikazzjoni ma' l-E.U.P.U. u mal-M.E.U.S.A.C. Dwar din iż-żjara s-Sindku ta rendikont tal-laqgħat li kellhom hu u l-kunsillier Joseph Bartolo u ssuġġerixxa li nistiednu lis-Sindku t'Offida jagħmel żjara hawnhekk.

Mary Carmen Bajada semmiet l-importanza li jkollna f'idejna d-dokumenti meħtieġa sabiex inkunu nistgħu nissottomettu applikazjoni għall-finanzjament ta' riġenerazzjoni urbana ta' Pjazza Vittorja. Wara diskussjoni kien hemm qbil li nsibu l-pjanta li kien ippropona Edward Scerri xi snin ilu u nagħmlu laqgħa fuq din il-proposta.

Il-Kunsill iddiskuta l-permessi relatati mal-festa fi Pjazza Vittorja. Il-Kunsill iddeċieda li l-permessi jinħarġu kif nħarġu s-sena li għaddiet. Is-Sindku Joseph Cordina nnota li wara li saret il-laqgħa mas-sidien ta' Pjazza Vittorja nhar il-Ħamis 6 t'Awissu 2009, dawn għamlu xi talbiet li ser jiġu diskussi mal-Kumitat tal-Festa nhar it-Tnejn 24 t'Awissu. Dwar il-permessi tal-gabbani fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru, dawn ser jitpoġġew fejn ingħataw is-sena l-oħra bl-eċċezzjoni ta' fejn hemm residenti ġodda joqgħodu. Is-Sindku kompla li dwar il-problema relatata mal-permessi fi Pjazza Vittorja, ser nimxu bħas-sena l-oħra. Dwar il-*mobile toilets*, is-Sindku Joseph Cordina nnota li ser jiddiskutiha mal-Kumitat tal-Festa. Dwar l-attivita fis-7 ta' Settembru, il-Kunsill ser jorganizza din l-attivita bi spiża li ma taqbiżx dik tas-sena li għaddiet.

Il-Kunsill iddiskuta l-permessi mogħtija mill-Kunsill għal diversi attivitajiet fir-raħal. Is-Sindku Joseph Cordina nnota li rridu niċċarawha ma' l-għaqdiet kollha li jitolbu dawn it-tip ta' permessi li jridu jerfgħu r-responsabbilta ta' kull aċċident li jista' jiġri. Ser nitolbu parir legali dwar dan.

Is-Sindku Joseph Cordina nnota li għadu qed jiddiskuti ma' Angie Bonello dwar attivita mużikali li qed jaħdem fuqha ma' Mario Caruana f'Settembru 2010 possibbilment fil-bajja tar-Ramla. Hu qed jinsisti li jkollna stima dettaljata ta' l-

ispejjeż involuti għaliex irridu nissottomettu l-applikazzjoni għall-finanzjament ta' l-attivitajiet kulturali sal-11 ta' Settembru 2009.

Is-Sindku Joseph Cordina semma l-proposta li kellna sabiex issir kunċert mużikali mill-grupp Tribali fit-Tempji tal-Ġgantija, pero ma wasalniex minħabba restrizzjoni ta' *seating* imposta mill-*Heritage Malta*.

Mary Carmen Bajada semmiet ix-xogħlijiet li hemm bżonn isiru għar-restawr tal-Mitħna ta' Kola. Il-Kunsill qabel li ninsistu mal-*Heritage Malta* li jagħtuna stima komprensiva tax-xogħlijiet kollha li hemm bżonn isiru.

Kevin Cutajar semma l-bżonn ta' tindif regolari tal-ġnien ħdejn il-Mitħna ta' Kola. Is-Sindku Joseph Cordina wieġeb li ser inqabbdu lill-ħaddiema assenjati magħna biex jagħmlu dan ix-xogħol flimkien mal-*playing field* fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Is-Sindku Joseph Cordina nnota li l-ħaddiema assenjati magħna mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ qegħdin jagħmlu ħafna xogħol utli ta' manutensjoni fl-*area* madwar l-Għar ta' Calypso. Mary Carmen Bajada semmiet għalqa li hemm ħdejn il-ġibjun ta' mal-Mitħna ta' Kola u kien hemm qbil li nivverifikaw jekk din hix pubblika jew le.

## QARI TA' KORRISPONDENZA U LMENTI MIR-RESIDENTI

1) *Memoes* mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali:
*Memo 46/2009* - Ftuħ ta' l-uffiċċini amministrattivi tal-Kunsill nhar ta' Sibt bħala parti mir-riforma, irridu nifthu l-uffiċċji nhar ta' Sibt bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li l-impjegati aċċettaw li jidħlu nhar ta' Sibt u jiġu kumpensati *time-off-in-lieu*.

Mary Carmen Bajada semmiet għalqa mimlija skart fil-kantuniera bejn it-toroq Ġużeppi Bajada u Bullara. Il-Kunsill qabel li nikkuntattjaw lil sid l-għalqa wara li niddentifikaw min hu.

*Memo 47/2009* - Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf inkluż il-kampanja ta' nformazzjoni li ser naħdmuha tax-*Xagħra Scout Group*. Ser niltaqgħu mal-kenniesa tal-lokalita dwar din l-inizjattiva.
*Memo 48/2009* - Kriterji sabiex sal-15 ta' Settembru 2009 isiru applikazzjonijiet għal fondi Speċjali. Wara diskussjoni ġie deċiż li napplikaw fuq il-proġett propost tal-*belvedere* fi Triq il-Knisja fejn għandna l-applikazzjoni pendenti mal-M.E.P.A.
*Memo 49*/2009- Informazzjoni dwar infieq mill-Kunsilli Lokali – ser inwieġbuha.

2) *E-mail* mid-Direttur tal-Kunsilli Lokali dwar inizjattiva tal-*good practices* imnedija mill-U.N.E.S.C.O.

3) *E-mail* lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar il-programm URBACT.

4) *E-mail* dwar attivita li ser issir nhar it-Tlieta 25 ta' Awissu 2009 f'Dar l-Ewropa, Valletta.

5*) E-mail* mingħand *Galea Curmi* dwar l-iskema għall-iffrankar mill-enerġija fejn il-Gvern żied l-allokazzjoni tiegħu u għalhekk il-Kunsill irid jikkometti €2,400. Ser nivverifikaw magħhom dwar x'jista' jibbenefika l-Kunsill.

6) *E-mail* lil Anthony Debono mill-Ministeru għal Għawdex dwar diversi xogħlijiet fil-lokalita.

7) Informazzjoni dwar korsijiet fil-litteriżmu bażiku b'formoli li jridu jimtlew sa l-aħħar ta' Awissu 2009. *E-mail* simili mill-E.T.C. kienet titratta korsijiet fil-Malti u l-Ingliż.

8) *E-mail* mill-Inġinera Vella mill-Korporazzjoni Enemalta dwar problema ta' vultaġġ baxx fi Vjal it-8 ta' Settembru. Ser niddiskutu din il-problema waqt laqgħa ma' uffiċċjal ta' din il-korporazzjoni.

9) Kwestjonarju mill-A.K.L. dwar stħarriġ dwar il-*cash in transit*.

10) Ittra mill-*Heritage Malta* bil-proposta tal-proġett għat-tempji tal-Ġgantija ffinanzjata mill-E.R.D.F.

11) Ittra mid-Dipartiment tal-*Public Policy* fl-Universita ta' Malta dwar studju u riċerka li jagħmlu u anki xi pubblikazzjonijiet tagħhom. L-istess Universita nfurmatna b'attivita kulturali li ser issir nhar il-Ġimgħa 28 ta' Awissu 2009.

12) *E-mail* dwar kompetizzjoni ta' l-*International Ocean Institute* fl-Universita ta' Malta li d-data ta' l-għeluq tagħha hi l-15 ta' Novembru 2009.

13) Applikazjoni mingħand Marija Refalo ta' 68, Triq Bullara li qed titlob parkeġġ riservat. Ser nirrakomandaw din l-applikazzjoni lill-A.D.T.

14) Ittra mill-A.D.T. dwar is-servizz ċirkulari mitlub minna bejn ix-Xagħra u l-bajja tar-Ramla fejn dan ser jiġi kkunsidrat wara li tidħol fis-seħħ ir-riforma fit-trasport pubbliku.

15) Ittra oħra mill-A.D.T. fejn infurmatna li ma taqbilx li għandhom jitneħħew is-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fi Triq Jannar. Inqrat ukoll ittra mir-resident Dominic Sultana dwar dan l-istess każ.

16) *E-mail* mill-*Heritage Malta* dwar żewġ parkeġġi ta' l-ipparkjar ma' l-entratura fit-Tempji tal-Ġgantija fejn talbu *double yellow line*. Ser nivverifikaw iktar dwar dan il-każ.

17) Premju Anzjan tas-Sena fejn sat-Tlieta 9 ta' Settembru irridu nibgħatu n-nominazzjonijiet. Il-Kunsill qabel li jinnomina lil Joseph Camilleri li joqgħod fi Triq it-Tiġrija dejjem jekk din il-persuna taċċetta.

18) Ittra mill-*Wise Owl* dwar skont ta' xiri ta' kotba.

19) *E-mail* mingħand Domnic Vella mix-X.U.F.C. Il-Kunsill qabel li jorganizza żewġ *tournaments* tal-*football* għat-tfal bi spiża li ma teċċedix il-€200.

20) *E-mails* dwar konferenza f'Riyadh, Saudi Arabia u konferenza mill-F.H.R.D. fil-Lukanda Intercontinetnal f'Ottubru 2009.

21) Ittra mill-*Schola Cantorum Jubilate* fejn infurmawna li ma jistgħux jaċċettaw it-talba tagħna biex jorganizzaw il-Kunċert tal-Milied 2009. Is-Sindku Joseph Cordina ser jitkellem ma' Stefan Attard dwar dan.

22) *E-mail* mingħand Rudolph Ragonesi dwar iż-żona permessa għall-għawm fil-bajja tar-Ramla u dwar ir-restawr ta' statwa li hemm f'din il-bajja. Ser nikkuntattjawh dwarhom.

23) *E-mail* mingħand Mary Rose Attard mill-*Gozo Disability Services* dwar il-passaġġ ta' l-injam fil-bajja tar-Ramla. Ser ngħaddu dan is-suġġeriment lill-Awtorita Maltija tat-Turiżmu. Mary Carmen Bajada ssuġġeriet li nimlew il-vojt f'dan il-passaġġ bl-injam. Kevin Cutajar issuġġerixxa li niġbru r-ramel f'din il-bajja fi xkejjer u tagħmel passaġġ minnhom fil-baħar biex tkun tista' tintlaħaq dik il-parti ramlija b'iktar faċilita. Is-Sindku Joseph Cordina wieġeb li ser niċċekkjaw dwarha. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li kkuntattjah Joe Meilak dwar il-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' f'din il-bajja li ġieli jkun okkupat.

24) *E-mail* mingħand Stephen Attard dwar żjara ta' tfal mill-*Victoria Hotspurs Nursery* fl-1 ta' Settembru. Ser jakkumpanjahom Ivan Attard.

25) *E-mails* mingħand Andrew Farrugia dwar riċerka li titratta li jitpoġġew reċipjenti fuq il-bejt tagħna. Ser nikkuntattjawhom għal iktar dettalji.

26) Kwotazzjoni ta' €277.30c għal xiri ta' *photocopier* mingħand *Strand Electronics*. Ser nikkunsidrawha iktar 'il quddiem.

27) Ittra mingħand Carmel Sultana ta' N.B., Triq l-Għar ta' Ninu li qed jitlob sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar minħabba l-problema biex joħroġ il-vetturi mir-residenza tiegħu. Is-Sindku Joseph Cordina kellem lir-resident biex iġib il-permess tas-sid li quddiemu s-Sur Sultana jixtieq li jsiru s-sinjali.

28) Ittra mingħand Joe Bajada ta' "Madonna ta' Pinu", Vjal it-Tmienja ta' Settembru dwar il-bżonn ta' manutensjoni tal-*bus shelter* qrib ir-residenza tiegħu. Joseph Bartolo bagħat *e-mail* ukoll dwar dan kif ukoll dwar il-kaxxa tat-*telephone* (intbagħtet korrispondenza lill-M.E.P.A.) u dwar iż-żbir tas-siġar fi Pjazza Vittorja li sar illum stess.

29) Mary Carmen Bajada semmiet il-bżonn li titlesta l-*welcome notice board* u sabiex ikun hemm sinjali li jindikaw it-Tempji tal-Ġgantija. Ser nikkuntattjaw lil Rafel Refalo sabiex jagħmlilna disinn u stima tal-bord informattiv u lill-*Heritage Malta* dwar l-indikazzjoni għat-Tempji tal-Ġgantija.

30) *E-mail* mingħand Joseph Bartolo dwar siment jew bankina quddiem residenta li toqgħod St. Joseph, Triq Ġnien Imrik. Ser nivverifikaw eżatt dwar dan l-ilment.

Mary Carmen Bajada reġgħet semmiet kantuni f'passaġġ qrib ir-residenza ta' Tereza Sultana fi Triq Marsalforn - dawn diġa' tneħħew.

31) Korrispondenza bejn il-Perit Scerri u l-M.E.P.A. dwar l-applikazzjoni 4462/08 - aċċess għall-*playing field* fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru.

32) Korrispondenza oħra mill-M.E.P.A. dwar applikazzjonijiet P.A. 3786/08 -ċentru ta' nformazzjoni fil-bajja tar-Ramla u P.A. 6257/08 – *belvedere fi* Triq il-Knisja. Kif ikollna dan il-permess f'idejna napplikaw taħt il-fondi tal-U.I.F. li jlaħħqu l-ammont ta' -10,0524.08c.

Mary Carmen Bajada semmiet il-problema ta' ġrieden fil-lokalita tagħna u għalhekk ser nikkuntattjaw lid-Dipartiment tas-Sanita'.

33) Ilment dwar karozza abbundanata fi Triq ta' Kaċċaturi - ser navżaw lill-gwardjani lokali.

34) Ilment dwar problema tad-drenaġġ fi Triq Ġużeppi Grech. Ser nikkuntattjawhom dwar din il-problema u dik ta' Triq Għajn Damma flimkien mal-wied ta' Għajn Damma.

35) Ilment dwar problema ta' skart fi Triq Parisot. Is-Sindku Joseph Cordina nnota li din il-problema hi solvuta.

36) Suġġeriment mingħand Dun Ġużepp Cini dwar manutenzjoni tal-fanali tal-knisja. Mary Carmen Bajada semmiet plakka ta' xi vittmi tal-gwerra mal-ġenb tal-Bażilika ta' Marija Bambina.

37) Ilment mingħand Agnes Vella ta' 17A, Triq Ġnien Xibla dwar bankina quddiem din ir-residenza. Ser inpoġġuha mal-lista tal-bankini pendenti.

38) Ilment mingħand George Farrugia, kunsillier minn Marsaskala dwar il-problema tat-traffiku fi Triq Masri. Mary Carmen Bajada reġgħet semmiet il-problema ta' vettura ta' l-iskart f'għalqa u ser nerġgħu niġbdu l-attenzjoni tal-K.I.P. (Għawdex) Ltd.

39) Ilment mingħand Joseph Refalo dwar ammont kbir ta' xaħx f'xi sit ta' kostruzzjoni fi Triq Ġnejna. Ser nibgħatu lill-ħaddiema assenjati magħna sabiex tinkines.

40) Ilment mingħand Joseph Refalo dwar zkuk tal-bajtar fi Triq Gajdoru – ser nibgħatu lill-ħaddiema assenjati magħna biex jaqtgħuhom.

41) Ilment mingħand Mary Carmen Bajada sabiex terġa' tiġi kkunsidrata t-talba għat-twaħħil ta' bank fi Triq Bullara. Inqrat ittra mingħand ir-residenta Michelina Borg fejn qed toġġezzjona bil-qawwa kollha li jerġa' jitwaħħal. Mary Carmen Bajada tkellmet mas-Sinjura Borg u qaltilha li nistgħu nagħmlulha assigurazzjoni bil-miktub li nneħħuh meta hi tkun ser tibni. Ser nerġgħu nikkuntattjaw lis-Sinjura Borg sabiex naraw jekk taċċettax il-proposta tagħna.

42) Ilment mingħand Geraldine Zarb dwar problema ta' veduta li għandha quddiem appartament fi Triq Marsalforn.

43) Ilment sabiex isiru *loading/unloading* quddiem il-ħwienet M & M, Stephen's, Ta' Haqqu, Victor's u Gesther. Ser ngħaddu dawn it-talbiet lill-Awtorita dwar it-Trasport.

44) Ilment mingħand Emanuel Xerri ta' Prospect, Triq l-Għar ta' Xerri dwar tiswija ta' passaġġ li minn Triq Marsalforn jagħti għall-inħawi ta' Għajn Meddew. Il-Kunsill approva li dan ix-xogħol isir.

45) Ilment mingħand David Attard ta' 84, Pjazza Vittorja sabiex jitranġa passaġġ pubbliku fi Triq ta' Kaċċaturi. Ser inqabbdu lil Saviour Bonello biex jagħmel stima ta' dan ix-xogħol.

46) Ilment mingħand Martin Yeadley ta' 3, Triq l-Għejjun dwar problema ta' skart f'dawn l-inħawi.

47) Ilment mingħand Kevin Refalo ta' 58, Triq il-Knisja dwar nuqqas ta' ndafa f'din it-triq - dan l-ilment ġie mgħoddi lill-kennies responsabbli.

48) Ilment mingħand Joseph Xiberras ta' 14A, Triq Ġorf dwar tiswija ta' bankina. Ser nibgħatu lill-ħaddiema assenjati magħna.

49) Ilment mingħand Paul Renato Bigeni sabiex issir tiswija bis-siment ta' parti minn Triq Marsalforn quddiem ir-residenza tiegħu. Ser nibgħatu lill-ħaddiema assenjati magħna.

50) Ilment dwar materjal ma' sit ta' kostruzzjoni li għadu qed jinbena fi Triq Ġnien Xibla - dan għandu jitneħħa minnufih.

51) Ilment mingħand Alfred Camilleri ta' 29, Triq Franġisk Camilleri li qed jitlob li tinżebagħ *roundabout* fil-pjazza quddiem il-Mitħna ta' Kola. Ser nikkonsultaw ma' l-A.D.T. dwar dan.

52) Ilment sabiex isir *stop sign* fil-kantuniera bejn Triq Spiera u Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel li din issir.

53) Ilment mingħand George Sultana ta' 8, Triq Laurent Ropa dwar sqaq li qed jintefa fih l-iskart. Ser nerġgħu nikkuntattjaw lil Anthony Debono sabiex jinbena l-ħajt f'din it-triq u anki jitnaddfu l-għelieqi tal-madwar li jwassluk sa ħdejn il-monument tas-*Sette Giugno*.

54) Ilment sabiex jitnaddaf il-passaġġ fejn joqgħod Joseph Sultana fi Triq Karkar. Ser nibgħatu lill-ħaddiema assenjati magħna.

55) Ilment mingħand Francis Hili ta' 1, Triq Jannar li qed jitlob li tissewwa bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Ser ngħadduha mal-lista tal-bankini.

56) Ilment mingħand Catherine Camilleri ta' Sqaq fi Triq it-Tiġrija li qed titlob sinjali ta' *no-entry* u *bollards* f'dan l-isqaq. Ser nagħmlu talba lill-A.D.T. sabiex isiru żewġ *bollards* u xi sinjali oħra li hemm bżonn.

57) Ilment sabiex jitranġa bank quddiem il-Crai Supermarket fi Triq il-Knisja. Ser nibgħatu lill-ħaddiema assenjati magħna.

58) Is-Sindku Joseph Cordina nnota li fl-okkażjoni tal-festa ser issir ħarġa għall-anzjani u l-Kunsill ser iħallas l-ispejjeż tat-trasport. Hu ssuġġerixxa u l-Kunsill qabel li jinxtara *bin* fid-daħla ta' *St.Peter and St. Paul Court*, Triq Ġużeppi Grech sabiex insolvu l-problema ta' l-iskart ta' xi 30 familja. Ser inwaħħlu żewġ *litter bins* mal-Każin tal-Banda *Victory*.

59) Kevin Cutajar innota li resident Ingliż talab li jagħmlilna mappa għal passiġġati fil-kampanja li tkun informattiva għat-turisti. Ser nivverifikaw eżatt din x'tinvolvi.

60) Mary Carmen Bajada semmiet il-problema tat-tindif tat-toroq wara li jkun hemm xi attivita bħal-Logħob taż-Żgħażagħ. Hi reġgħet enfasizzat l-importanza li ma jintużax il-kompressur waqt it-tindif tat-toroq fil-ġranet tal-festa ta' Marija Bambina.

**APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI**

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti:

| **Perjodu:** | **Awissu 2009** | | |
|---|---|---|---|
| Nru taċ-Ċekk | Deskrizzjoni taċ-Ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
| 4097 | Maltapost p.l.c. (700 bolla għall-użu ta' l-uffiċċju amministrattiv) | 133.00 | 2650 |

| Nru taċ-Ċekk | Deskrizzjoni taċ-Ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4098 | Road Construction Company Ltd. (ħlas għal *re-surfacing* ta' Triq Għonqa) | 10,000.00 | 7100 |
| 4099 | Alfred Muscat (materjal galvanizzat għall-*belvedere* fi Triq Sant'Anton) | 405.62 | 2370 |
| 4100 | Galea Mini Market (*groceries* u boroż ta' l-iskart) | 79.02 | 2220/ 3340 |
| 4101 | Joseph Vella (xogħlijiet ta' manutenzjoni matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2009) | 2,051.20 | 2370 |
| 4102 | Bartolo Catering (kejkijiet għall-anzjani fl-okkażjoni ta' għeluq sninhom) | 22.30 | 3380 |
| 4103 | Refalo Signs (diversi sinjali tat-traffiku) | 1,061.00 | 7230 |
| 4104 | Anthony Galea (tindif taż-żoni fejn il-*bring-in-sites*) | 423.44 | 0004 |
| 4105 | Joseph Attard (ħlas għal pompa ta' l-ilma) | 118.00 | 2370 |
| 4106 | Charles Bezzina (żewġ kotba għal-liberija) | 10.50 | 2995 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4107 | G D A Sales & Services (manutenzjoni ta' l-*aircondition* ta' l-uffiċċju amministrattiv) | 11.80 | 2375 |
| 4108 | Louis Hili (materjal għal diversi xogħlijiet) | 304.30 | 2370 |
| 4109 | Discount Crossroad Ironmongery (materjal għal diversi xogħlijiet) | 105.76 | |
| 4110 | Office Needs (stationery għall-uffiċċju) | 28.00 | 2620 |
| 4111 | Buhagiar Brothers (xogħlijiet magħmula fil-Wied tac-Cianti) | 819.51 | 2370 |
| 4112 | Gozo Express Services (servizz ta' kurrier) | 41.30 | 2640 |
| 4113 | Portelli Print (kartolini tal-*birthday* għall-anzjani) | 265.50 | 3380 |

| Nru taċ-Ċekk | Deskrizzjoni taċ-Ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4114 | Victory Garage (servizz ta' *minibus* għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum) | 277.59 | 3380 |
| 4115 | Trophies and Medals (trofej u medalji għal-Logħob Żgħażagħ Vitorja 2009) | 100.00 | 3370 |
| 4116 | Cini Service Station (*fuel*) | 322.60 | 2750 |
| 4117 | Galea Curmi Engineering Consultants (*contract management fee* għas-sistema tad-dwal tat-toroq u applikazzjoni għal bozza ġdida) | 199.43 | 3065 |
| 4118 | Compass Group Ltd. (assikurazzjoni għat-Tiġrijiet taż-Żwiemel għal nhar is-6 ta' Settembru 2009) | 267.95 | 3370 |
| 4119 | Joe Louis / Jason Caruana (dwal għal attivita' fi Triq Knisja) | 212.40 | 3370 |
| 4120 | Richard Cauchi (manutenzjoni tad-dwal tat-toroq) | 1,167.95 | 3065 |
| 4121 | Info Tech Supplies and Services (linka għall-printers ta' l-uffiċċju) | 39.17 | 2330 |
| 4122 | Joseph Magro (diversi xogħlijiet bir-*roller*) | 673.60 | 2311 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4123 | Lewis G. Bajada<br>(tindif tat-toroq urbani) | 87.00 | 3051 |
| 4124 | Joseph Refalo<br>(tindif tat-toroq urbani) | 87.00 | 3051 |
| 4125 | K.I.P. Ghawdex Limited<br>(servizz ta' ġbir ta' skart domestiku matul ix-xahar ta' Lulju 2009 li jinkludi t-tnaqqis ta' €180 li tħallsu *extra* f'pagament preċedenti) | 3,713.29 | 3041 |
| 4126 | Joseph Azzopardi<br>(salarju għax-xahar ta' Awissu 2009) | 1,378.68 | 1200 |
| 4127 | Josephine Sultana<br>(salarju għax-xahar ta' Awissu 2009) | 1,088.02 | 1200 |
| 4128 | Ivan Attard<br>(salarju għax-xahar ta' Awissu 2009) | 904.80 | 1200 |

| Nru taċ-Ċekk | Deskrizzjoni taċ-Ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4129 | Joe Cordina<br>(*allowance* tas-Sindku għax-xahar ta' Lulju 2009) | 324.98 | 1100 |
| 4130 | Kummissarju tat-Taxxi Interni<br>(P.A.Y.E. u N.I. tal-impjegati tal-Kunsill għax-xahar ta' Lulju 2009) | 1461.30 | 1100/ 1200/ 1500 |
| 4131 | Green Skip Services Limited<br>(*litter bins*) | 1,628.40 | 7240 |
| 4132 | Galea Curmi Engineering Consultants<br>(*contract management fee* fuq devoluzzjoni tad-dwal tat-toroq) | 116.98 | 3065 |
| 4133 | Lawrence Farrugia<br>(xogħlijiet fuq il-*belvedere* ta' Triq Sant'Anton) | 1,500.00 | 2370 |
| 4134 | Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali<br>(ħlas ta' parteċipazzjoni għal seminar tal-Kunsill) | 80.00 | 2541 |
| 4135 | Information Technology Services Limited<br>(tiġdid tal-liċenzja ta' *Sage Evolution*) | 177.00 | 3110 |
| 4136 | Mario Mallia<br>(*playing equipment* għall-*playing field* tal-lokalita' - Mount Everest) | 3,636.80 | 7106 |
| 4137 | *Union Print Company Ltd.*<br>(avviż dwar il-laqgħa tal-lokalita') | 55.13 | 3350 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4138 | Media Link Communications Company Ltd.<br>(avviż dwar il-laqgħa tal-lokalita') | 54.75 | 3350 |
| 4139 | Sound Vision Print Limited<br>(avviż dwar il-laqgħa tal-lokalita') | 88.03 | 3350 |
| 4140 | Marpo Trading Company Ltd.<br>(materjal għal diversi xogħlijiet) | 805.71 | 2370 |
| 4141 | Lorenza Sultana<br>(servizzi ta' tindif fl-uffiċċju tal-Kunsill matul ix-xahar ta' Awwissu 2009) | 69.90 | 3055 |
| 4142 | Lorenza Sultana<br>(servizzi ta' tindif fl-uffiċċju tal-Kunsill matul ix-xahar ta' Lulju 2009) | 104.85 | 3055 |

| Nru taċ-Ċekk | Deskrizzjoni taċ-Ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4143 | Nicolina Sultana<br>(servizz mogħti fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2009) | 145.24 | 3050 |
| 4144 | Mary F. Refalo<br>(servizz mogħti fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2009) | 224.84 | 3050 |
| 4145 | Joe Cordina<br>(rimborż ta' spejjeż relatati maż-żjara li delegazzjoni tal-Kunsill għamlet f'Offida) | 356.00 | 2820 |
| 4146 | High Revs<br>(manutenzjoni fuq makkinarju) | 300.00 | 2370 |
| 4147 | Gatt Enterprises Ltd.<br>(xiri ta' materjal għal diversi xogħlijiet) | 181.13 | 2370 |
| 4148 | Louis Bajada<br>(tindif ta' diversi toroq urbani matul ix-xahar ta' Awwissu 2009) | 230.00 | 3051 |
| 4149 | Joseph Refalo<br>(tindif ta' diversi toroq urbani matul ix-xahar ta' Awwissu 2009) | 230.00 | 3051 |
| 4150 | Mario Gauci<br>(tindif ta' diversi toroq urbani matul ix-xahar ta' Awwissu 2009) | 230.00 | 3051 |
| 4151 | Fortunato Camilleri<br>(tindif ta' diversi toroq urbani matul ix-xahar ta' Awwissu 2009) | 230.00 | 3051 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4152 | Kummissarju tal-Pulizija<br>(servizzi tal-pulizija mogħtija waqt il-jiem tal-festa 2009) | 272.41 | 3370 |
| 4153 | Mario's Rent A Car<br>(servizz ta' *minibus* miċ-Ċirkewwa għall-ajruport u viċe-versa) | 59.00 | 2810 |
| 4154 | Strand Electronics<br>(manutenzjoni tal-*photocopier* ta' l-uffiċċju amministrattiv) | 41.30 | 2330 |
| 4155 | Perit Edward Scerri<br>(servizzi professjonali) | 1541.08 | 3195 |

| Nru taċ-Ċekk | Deskrizzjoni taċ-Ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4156 | WasteServ Malta Limited<br>(kiri ta' *bins* għall-*bring-in-sites* u ħlasijiet għal rimi ta' skart goff fil-Qortin) | 306.17 | 3040 |
| 4157 | JCR Limited<br>(*supply* ta' materjal għall-bankini) | 185.26 | 2312 |
| 4158 | Nazzareno Xerri<br>(bankini ġodda għar-residenti) | 2,116.75 | 2312 |
| 4159 | Melita p.l.c.<br>(kera u *charges* relatati mal-linja tat-telefon) | 33.65 | 2160 |
| 4160 | GO p.l.c.<br>(kera u *charges* relatati mal-linja tat-telefon) | 313.00 | 2150/ 2160 |
| 4161 | Malta Red Cross Gozo Branch<br>(kors ta' l-ewwel għajnuna) | 297.00 | 0066 |
| | **TOTAL:** | **43,796.39** | |

| | | |
|---|---|---|
| Firma : | | |

Il-laqgħa spiċċat fil-11.00 p.m.

Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru 2009 fil-5.30 p.m.

**Joseph Cordina**
**Sindku**

**Joseph Azzopardi**
**Segretarju Eżekuttiv**